VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 208 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2014 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.41

(2) Dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2015.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali,

2. Fil-paragrafu (a) tas-subregola 2 tar-regola 3 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "mar-raġel" għandhom jidħlu l-kliem "mal-konjuġi".

Temenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

3. L-ewwel proviso tas-subregola (1) tar-regola 4 tar-regoli prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda l-kreditu ta' taxxa kif imsemmi ma jistax jaqbeż l-€5000:".

Iżżid regola ġdida mar-regoli prinċipali.

4. Minnufih wara r-regola 4 tar-regoli prinċipali, għandha tiżdied ir-regola ġdida li ġejja:

"Kjarifika tal-applikabilità..

5. (1) Ir-regola 2(b) jew (ċ) tapplika wkoll f'każ ta' tfal adottati.

(2) F'każ fejn tapplika r-regola 2(b) jew (ċ):

(a) mara waħda biss tista' tgawdi mill-kreditu ta' taxxa, mogħti taħt ir-regoli 3 u 4, fir-rigward ta' kull tifel/tifla;

(b) mara tista' tgawdi mill-kreditu ta' taxxa mogħti taħt ir-regoli 3 u 4 darba waħda biss fir-rigward ta' kull tifel/tifla.".